Nru./No. 21,730
Prezz/Price
€0.54

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru, 2026
Thursday, 8th October, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 17,465 - 17,467
Government Notices ..... *17,465 - 17,467*

Avviżi tal-Pulizija ..... 17,468 - 17,469
Police Notices ..... *17,468 - 17,469*

Avviżi tal-Qorti ..... 17,469 - 17,472
Court Notices ..... *17,469 - 17,472*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1504

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor. Ian Borg, LLB, Dip. Not. Pub., LLD, MP, Deputat Prim Ministru, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2026, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

Is-6 ta' Ottubru, 2026
(OPM/19/2022)

Nru. 1505

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

It-8 ta' Ottubru, 2026
(File No. X/238/1998)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħ'Attard:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 247 metru kwadru, li tmiss mill-Punent, mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' triq pubblika jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2022_0468_1, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini tal-Artikolu 67 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' mitejn u wieħed u tletin elf, mitejn u għaxar Ewro

GOVERNMENT NOTICES

No. 1504

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Ian Borg, LLB, Dip. Not. Pub., LLD, MP, Deputy Prime Minister, assumes the additional duties of Prime Minister on Tuesday, 6th October, 2026, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

6th October, 2026

No. 1505

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

8th October, 2026

Description of the Land

The following land at Ħ'Attard:

A plot of land measuring about 247 square metres, bounded on the West, on the East and on the South by a public road or more precise boundaries.

The abovementioned plot of land is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2022_0468_1, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 67 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is two hundred and thirty one thousand, two hundred

(€231,210) skont l-istima konġunta li saret mill-Periti Bernice Van Dijk, Paul Cuschieri u Kevin. R. Abela, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-2 ta' Ottubru, 2026

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġn 17,467.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' biċċa art fi Triq il-Mosta, Ħ'Attard, meħtieġa għal finijiet ta' esproprazzjoni għal skopijiet pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Ligijiet ta' Malta qegħdin niffissaw il-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq il-Mosta, Ħ'Attard, li hija meħtieġa mill-Gvern għal Skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajna il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġ uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 247 metru kwadru, li tmiss mill-Punent, mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' triq pubblika jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2022_0468_1, u stmata għall-valur ta' mitejn u wieħed u tletin elf, mitejn u għaxar Ewro (€231,210).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tagħna fl-14 ta' Lulju, 2026. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Bernice Van Dijk
Perit Paul Cuschieri
Perit Kevin. R. Abela

It-2 ta' Ottubru, 2026

and ten Euros (€231,210) according to the joint valuation made by Architects Bernice Van Dijk, Paul Cuschieri and Kevin. R. Abela, an extract of which is being attached with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

2nd October, 2026

This site plan is being published on page 17,467.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a plot of land in Triq il-Mosta, Ħ'Attard, required for expropriation purposes for public purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, we are assessing the freehold and unencumbered value of the undermentioned property in Triq il-Mosta, Ħ'Attard, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 247 square metres, bounded on the West, on the East and on the South by a public road or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2022_0468_1, and valued for two hundred and thirty one thousand, two hundred and ten Euros (€231,210).

Note: This is an extract of the original report given by us on the 14th July, 2026. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.


(Sgd) Architect Bernice Van Dijk
Architect Paul Cuschieri
Architect Kevin. R. Abela

2nd October, 2026

25A

Dan hu dokument uffiċċjali ghall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **446412 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 49660** **y = 72274**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **4872**	Data: *Date:* **01/07/2026**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:* Perit Stefan Scotto, Estate Management Department, Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* Area - 246m² (circa)

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 413202

Dritt imhallas *Fee Paid*

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 238

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Kirkop

Il-Ġimgħa, 9 ta' Ottubru, 2026, mis-6.00 a.m. sad-9.00 a.m., clearance minn Triq San Benedittu, Triq il-Parroċċa, Triq San Rokku, Misraħ Ħal Kirkop, Misraħ San Anard (Leonardo), Misraħ iż-Żerniq, Triq Mons. Mikiel Barbara, Triq il-Kbira, Triq Dun Carlo Taliana u Triq Benedittu Farrugia;

Mis-6.00 a.m. tal-Ġimgħa, 9 ta' Ottubru, 2026 sal-5.00 p.m. tal-Ħadd, 11 ta' Ottubru, 2026, għeluq ta' triq minn Triq San Benedittu (minn Triq San Ġużepp lejn Misraħ Ħal Kirkop), Misraħ Ħal Kirkop, Triq il-Parroċċa, Triq San Rokku, Misraħ San Anard (Leonardo), Triq Mons. Mikiel Barbara, Triq il-Kbira, Triq Dun Carlo Taliana, Misraħ iż-Żerniq u Triq Benedittu Farrugia.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn clearance.

Paola

Is-Sibt, 17 ta' Ottubru, 2026, mill-5.00 p.m. sal-11.59 p.m., minn Triq Sant'Ubaldeska (minn Triq Ninu Cremona għal Triq l-Arkata) u Triq l-Arkata (minn Triq Sant'Ubaldeska għal Triq it-Tramuntana.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Il-Gudja

Mis-6.00 a.m. tas-Sibt, 10 ta' Ottubru, 2026 sas-6.00 a.m. tal-Ħadd, 11 ta' Ottubru, 2026, minn quddiem il-każin Taċ-Ċintura, Triq Raymond Caruana minn ħdejn l-għassa tal-pulizija, Triq Santa Marija, u parti minn Triq William Baker.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

POLICE NOTICE

No. 238

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Kirkop

On Friday, 9th October, 2026, from 6.00 a.m. to 9.00 a.m., clearance through Triq San Benedittu, Triq il-Parroċċa, Triq San Rokku, Misraħ Ħal Kirkop, Misraħ San Anard (Leonardo), Misraħ iż-Żerniq, Triq Mons. Mikiel Barbara, Triq il-Kbira, Triq Dun Carlo Taliana and Triq Benedittu Farrugia;

From 6.00 a.m. of Friday, 9th October, 2026 to 5.00 p.m. of Sunday, 11th October, 2026, road closure through Triq San Benedittu (from Triq San Ġużepp towards Misraħ Ħal Kirkop), Misraħ Ħal Kirkop, Triq il-Parroċċa, Triq San Rokku, Misraħ San Anard (Leonardo), Triq Mons. Mikiel Barbara, Triq il-Kbira, Triq Dun Carlo Taliana, Misraħ iż-Żerniq and Triq Benedittu Farrugia.

Public transport will not be affected.

Clearance is required.

Paola

On Saturday, 17th October, 2026, from 5.00 p.m. to 11.59 p.m., through Triq Sant'Ubaldeska (from Triq Ninu Cremona to Triq l-Arkata) and Triq l-Arkata (from Triq Sant'Ubaldeska to Triq it-Tramuntana.

Public transport will not be affected.

Gudja

From 6.00 a.m. of Saturday, 10th October, 2026 to 6.00 a.m. of Sunday, 11th October, 2026, through in front of Taċ-Ċintura's band club, Triq Raymond Caruana from near the police station, Triq Santa Marija, and part of Triq William Baker.

Public transport will be affected.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Ottubru, 2026, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Pjazza Santa Marija;

Nhar is-Sibt, 31 ta' Ottubru, 2026, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq Santa Marija minn Santu Rokku sa Triq il-Ġebelin, Vjal il-Labour minn ħdejn il-mużew tal-bniet, Triq G. M. Farrugia mill-pjazza sa Triq il-Ġirakol, u Pjazza Santa Marija.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

L-Għasri

Nhar is-Sibt, 24 ta' Ottubru, 2026, mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m., minn Pjazza s-Salvatur, Triq Salvu Gambin u Triq il-Knisja.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-8 ta' Ottubru, 2026

Ħal Għaxaq

On Sunday, 11th October, 2026, from 4.00 p.m. to 9.00 p.m., through Pjazza Santa Marija;

On Saturday, 31st October, 2026, from 3.00 p.m. to midnight, through Triq Santa Marija from Santu Rokku to Triq il-Ġebelin, Vjal il-Labour from near the girls' doctrine musuem, Triq G. M. Farrugia from the square to Triq il-Ġirakol, and Pjazza Santa Marija.

Public transport will be affected.

Għasri

On Saturday, 24th October, 2026, from 3.00 p.m. to 7.00 p.m., through Pjazza s-Salvatur, Triq Salvu Gambin and Triq il-Knisja.

Public transport may be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

8th October, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2578

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Settembru, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 668/26MS, fl-ismijiet: Anthony Vella et vs Spiteri Maria Concetta et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Anthony Vella et vs Spiteri Maria Concetta et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Lulju, 2026, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġja existenti bejn l- imsemmija Sebastiano Vella u Andreana Vella billi jiġi dikjarat x'jikkonsisti fdawk il-beni mobbli u immobbli li jirriżultaw waqt il-kors tal-kawża;

2. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f'żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda kull wieħed mill-assi separati tal-konjuġi Vella;

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Sebastiano Vella billi jiġu dikjarati li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 24th September, 2026, in the records of Sworn application number 668/26MS, in the names: Anthony Vella et vs Spiteri Maria Concetta et the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Anthony Vella et vs Spiteri Maria Concetta et filed in the Civil Court, First Hall, on the 3rd July, 2026, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Liquidate the Community of acquests existing between the said Sebastiano Vella and Andreana Vella by declaring what consists of those movable and immovable property which results during the course of the cause;

2. Divide the Community of acquests so they are liquidated into two equal portions which are assigned one each from the separate assets of the spouses Vella;

3. Liquidate the particular assets of Sebastiano Vella by declaring that they consist of one half of the Community of

hekk likwidata u l-beni kollha l-oħra parafernali mobbli u immobbli li jirriżultaw waqt il-kors tal-kawża;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Andreana Vella billi jiġu dikjarati jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u l-ġid l-ieħor parafernali tagħha kif riżultanti waqt il-kors tal-kawża;

5. Taqsam u tiddividi l-assi partikolari ta' Andreana Vella li għandhom jiġu assenjati lill-kontendenti skont it-testment unica charta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħamsa (2005) fl-atti tan-Nutar Dott. Fiona Farrugia,

6. Tordna d-diviżjoni tal-assi partikolari ta' Andreana Vella billi tappunta perit li jagħmel pjan ta' qasma billi jaqsam dawn l-assi sabiex jirrifletti x-xewqat tat-testatriċi skont it-testment unica charta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) fl-atti tan-Nutar Dott. Fiona Farrugia, b'dan li kull porzjon tiġi assenjata waħda kull wieħed lill-atturi, u ċoè lil Anthony Vella, lil George Vella u waħda lill-konvenuta Maria Concetta Spiteri;

7. F'każ li jiġi determinat li l-assi partikolari mhumiex komodament diviżibbli tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-istess assi u r-rikavat jinqasam bejn l-atturi George Vella, Anthony Vella u oħtom Maria Concetta Spiteri skont l-istess testment unica charta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħamsa (2005) fl-atti tan-Nutar Dott. Fiona Farrugia;

8. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' diviżjoni rigwardanti l-assi ta' Andreana Vella, f'dik id-data, hin u lok li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

9. Tillikwida s-sehem riżervat spettanti lill-atturi fuq il-wirt ta' Sebastiano Vella;

10. Tordna lill-intimati jħallsu lill-atturi dan is-sehem riżervat hekk likwidat, flimkien mal-imgħaxijiet fuq l-istess.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 668/26MS fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-9 ta' Ottubru, 2026, fid-9.00 a.m.

acquests so liquidated and all other movable and immovable paraphernal property which results during the course of the cause;

4. Liquidate the particular assets of Andreana Vella by being declared as consisting of half the Community of acquests so liquidated and her other paraphernal wealth as results during the course of the cause;

5. Divide and apportion the particular assets of Andreana Vella which are to be assigned to the parties according to the will unica charta of the licence and the twenty (23) of August of the year two thousand and five (2005) in the records of Notary Dr Fiona Farrugia,

6. Order the partition of the particular assets belonging to Andreana Vella by appointing an architect to make a plan of partition by dividing these assets in order to reflect the wishes of the testators according to the will unica charta of the twenty-third (23) August of the year two thousand and five (2005) in the records of Notary Dr Fiona Farrugia, provided that each portion shall be assigned individually to the plaintiffs, namely Anthony Vella, George Vella and one to the defendant Maria Concetta Spiteri;

7. In case it is determined that the particular assets are not easily divisible order the sale in ličitazzjoni of the same assets and the proceeds are divided between the plaintiffs George Vella, Anthony Vella and other Maria Concetta Spiteri according to the same will unica charta of the twenty third (23) of August of the year two thousand and five (2005) in the records of Notary Dr Fiona Farrugia;

8. Appoint a notary public to publish the opportune deed of partition regarding the assets of Andreana Vella, on that date, time and place to be fixed by this Honourable Court, with the intervention of curators nominated to represent the eventual contumacies on the same deed;

9. Liquidate the share reserved due to the plaintiffs on the inheritance of Sebastiano Vella;

10. Order the respondents to pay the plaintiffs this reserved share so liquidated, together with interest on the same.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 668/26MS in the names mentioned above is postponed to 9th October, 2026, at 9.00 a.m.

Notifika Intimat: Spiteri Maria Concetta, 222, Sunshine House, Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq

Emmanuel Spiteri, 222, Sunshine House, Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Ottubru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification respondent: Spiteri Maria Concetta, 222, Sunshine House, Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq

Emmanuel Spiteri, 222, Sunshine House, Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq

Registry of the Superior Courts, today 7th October, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2579

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Ġunju, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 989/24MH, fl-ismijiet: Lucia Vanto vs Giuseppe Sechi et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Lucia Vanto (103759A) vs Giuseppe Sechi, Marte S.r.l. soċjetà estera reġistrata fil-Camera di Commercio Industria Atrigianato e Agricoltura si Sassari bil-codice fiscale 02143400907, Delta GS s.r.l. soċjetà estera reġistrata fil-Camera di Commercio Industria Atrigianato e Agricoltura di Sassari, bil-Codice fiscale 02329840900, Elisabetta Sechi, Daniela Mallia (347189M) u b'digriet tal-11 ta' Lulju, 2025, ġew kjamati-in-kawża s-soċjetà Innovative Business Solutions Limited (C39062) u Arthur D. Turner (49665M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Settembru, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimati, jew min minnhom, naqsu milli jonoraw l-obbligi assunti minnhom fuq l-iskrittura tat-trasferiment tal-ishma skont ftehim tal-5 ta' Mejju, 2017;

2. Tiddikjara li l-intimati, partikolarment Marte S.r.l., Elisabetta Sechi, u Giuseppe Sechi abbużaw, u/jew kienu kompartečipi fl-abbuż, mill-privileġġ ta' responsabbiltà limitata u konsegwentement għalhekk tilfu l-istess privileġġ;

3. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ibbenefikaw illeċitament mill-abbuż u/jew kompartečipazzjoni fl-istess u li huma għaldaqstant solidament responsabbli versu l-attriċi illimitatament;

4. Twarrab għaldaqstant il-personalità ġuridika separata tal-kumpaniji Delta GS S.r.l. u ta' Marte S.r.l. u żżomm lill-intimati Elisabetta Sechi u Giuseppe Sechi, responsabbli

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 26th June, 2026, in the records of Sworn application number 989/24MH, in the names: Lucia Vanto vs Giuseppe Sechi et the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Lucia Vanto (103759A) vs Giuseppe Sechi, Marte S.r.l. a foreign company registered in the Camera di Commercio Industria Atrigianato e Agricoltura SI Sassari with codice fiscale 02143400907, Delta GS s.r.l. a foreign company registered in the Camera di Commercio Industria Atrigianato e Agricoltura di Sassari, with Codice fiscale 02329840900, Elisabetta Sechi, Daniela Mallia (347189M) and by decree of 11 July, 2025, the company innovative Business solutions Limited (C39062) and Arthur D. Turner (49665M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 10th September, 2024, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the respondents, or either of them, failed to honour the obligations assumed by them on the writing of the transfer of shares according to an agreement of the 5th May, 2017;

2. Declare that the respondents, particularly Marte S.r.l., Elisabetta Sechi, and Giuseppe Sechi abused, and/or participated in the abuses, from the privilege of limited liability and consequently lost the same privilege;

3. Declare that the respondents or either of whom have unlawfully benefited from the abuse and/or participation in the same and that they are thus solely responsible towards the plaintiff limitedly;

4. Discard thus the separate legal personality of the companies Delta GS S.r.l. and Marte S.r.l. and hold the respondents Elisabetta Sechi and Giuseppe Sechi, solely

solidament u illimitatament versu l-attriċi fir-rispett tal-obbligi assunti fuq il-kuntratt tat-trasferiment tal-ishma skont ftehim tal-5 ta' Mejju 2017;

5. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimata Daniela Mallia bl-aġir tagħha kif fuq deskritt irrendiet ruħha kompartecipi mal-intimati l-oħrajn u kwindi anke hija għandha tiġi ritenuta solidament responsabbli fil-konfront tal-attriċi;

6. Tordna konsegwentement lill-intimati jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, jottemperaw ruħhom mal-obbligi assunti fuq l-iskrittura tat-trasferiment tal-ishma skont ftehim tal-5 ta' Mejju, 2017;

7. Tiddikjara illi l-aġir tal-intimati, jew min minnhom, ikkawża danni lill-attriċi kien malizzjuż u frawdolenti;

8. Tikkundanna lill-intimati in solidum iħallsu l-bilanċ tal-prezz fuq l-iskrittura tat-trasferiment tal-ishma skont ftehim tal-5 ta' Mejju, 2017, ossija l-ammont ta' mija u ħamsa u ħamsin elf u seba mitt ewro (€155,700) bl-interessi legali;

9. Tillikwida d-danni ulterjuri sofferti mill-attriċi;

10. Fin-nuqqas li l-intimati jew min minnhom jonqsu li jottemperaw ruħhom mal-eventwali ordni ta' din l-Onorabbli Qorti skont il-ħames talba jew fin-nuqqas ta' akkoljiment tal-istess talba, tordna lill-intimati jew minn minnhom iħallsu lill-attriċi id-danni skont it-talba preċedenti.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 989/24MH fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-9 ta' Ottubru, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika intimat: Innovative Business Solutions Limited (C39062), 13, Triq il-Kurat Fenech, Birżebbuġa

Arthur D. Turner (49665M), Dida Accountancy, 1, Triq Tal-Ġewwinija, Ħal Għaxaq

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Ottubru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and limitedly responsible towards the plaintiff in respect of the obligations assumed on the contract of transfer of shares according to an agreement of the 5th May, 2017;

5. Declare and decide that the respondent Daniela Mallia by her action as above described rendered herself compatible with the other respondents and thus even she should be held solidly responsible towards the plaintiff;

6. Consequently order the respondents or either of whom so that within a short and peremptory period to be fixed by this Honourable Court, they abide with the obligations assumed on the writing of the transfer of shares according to an agreement of the 5th May, 2017;

7. Declare that the action of the respondents, or either of them, caused damages to the plaintiff was malicious and fraudulent;

8. Condemn the respondents in solidum to pay the balance of the price on the writing of the share transfer according to an agreement of the 5th May 2017, that is the amount of one hundred fifty five thousand and seven hundred euro (€155,700) with legal interest;

9. Liquidate the further damages suffered by the plaintiff;

10. In default that the respondents or either of whom fail to abide with the eventual order of this Honourable Court according to the fifth demand or in default of upholding the same demand, order the respondents or either of whom to pay the plaintiff damages according to the previous demand.

With all costs and legal interests against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 989/24MH in the names mentioned above is postponed to 9th October, 2026, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Innovative Business Solutions Limited (C39062), 13, Triq il-Kurat Fenech, Birżebbuġa

Arthur D. Turner (49665M), Dida Accountancy, 1, Triq Tal-Ġewwinija, Ħal Għaxaq

Registry of the Superior Courts, today 7th October, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603